

Konklużjonijiet mill-President tal-Kunsill Ewropew

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta d-dokument mehmuż. Dan ġie appoġġat minn 27 Membru tal-Kunsill Ewropew, iżda ma ġabarx kunsens, għal raġunijiet mhux relatati mas-sustanza tiegħu.

Ir-referenzi għall-Kunsill Ewropew fid-dokument mehmuż m'għandhomx jinftiehem bħala li jimplikaw approvazzjoni formali mill-Kunsill Ewropew li jaġixxi bħala istituzzjoni.

I. IMPJIEGI, TKABBIR U KOMPETITTIVITÀ

1. L-aġenda ta' riforma attwata mill-UE u l-Istati Membri tagħha wara l-kriżi tal-2008 qed tħalli l-frott. Reġa' kien hemm tkabbir ekonomiku f'kull wiehied mit-28 Stat Membru u l-prospetti huma inkoraġġanti, kemm għaż-żona tal-euro kif ukoll għall-UE b'mod ġenerali. Il-qgħad, għalkemm għadu f'livell għoli wisq, jinsab fil-livell l-aktar baxx tiegħu mill-2009, l-istat tal-finanzi pubbliċi qed jiġiebi u l-investment, filwaqt li għadu dgħajjed wisq, qed jikber.
2. Madankollu, l-inċertezzi jippersistu u għalhekk huwa importanti li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-irkupru. Għal dan il-għan, għandna nfittxu riformi strutturali mmirati lejn l-immodernizzar tal-ekonomiji tagħna, insaħħu l-finanzi pubbliċi u nipromwovu l-investment, inkluż permezz tal-estensjoni rapida tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, anke bil-ħsieb li jsiru sforzi speċjali fil-għieda kontra l-qgħad fl-Istati Membri fejn il-livelli huma partikolarment għoljin.
3. Waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza għall-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività ta' Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb bl-erba' libertajiet tiegħu. Azzjoni determinata dwar l-aġenda diġitali ser tippermetti li jinkisbu l-benefiċċji tal-era diġitali u minnha ser tibbenefika l-innovazzjoni. Deċiżjonijiet meħuda diġà għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv u l-lakuni eżistenti għandhom jingħelbu permezz ta' progress rapidu dwar proposti leġislattivi, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2016 u d-Dikjarazzjoni Konġunta tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2017. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tindirizza l-kwistjoni tal-kwalità doppja tal-prodotti alimentari fis-suq intern fil-Forum ta' Livell Għoli dwar it-titjib tal-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel. L-UE teħtieġ azzjoni konkreta biex tiżgura bażi industrijali b'saħħitha u kompetittiva, kif stipulat fil-konklużjonijiet ta' Diċembru 2016, suq tal-enerġija li jiffunzjona bis-sħiħ u interkonness u settur tas-servizzi li jirnexxi. Dawn kollha ser jibbenefikaw minn Suq Uniku aktar b'saħħtu. Għalhekk, il-kompletezza u l-implimentazzjoni tad-diversi strateġiji tas-Suq Uniku sal-2018 tibqa' l-oġettiv komuni tagħna. Il-Kunsill Ewropew ser jeżamina l-progress f'Ġunju.

4. Il-kummerċ jibqa' wieħed mill-iktar xpruni b'saħħithom għat-tkabbir, li jappoġġa miljuni ta' impjiegi u jikkontribwixxi għall-prospertà. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-vot pożittiv fil-Parlament Ewropew dwar il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn l-UE u l-Kanada (CETA) u jistenna b'interess l-applikazzjoni proviżorja imminenti tiegħu. Dan huwa sinjal ċar fi żmien meta t-tendenzi protezzjonisti qed jerġgħu jiffaċċaw. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ lejn politika kummerċjali robusta u sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, bi rwol ċentrali għad-WTO. Fl-istess waqt, l-UE trid tgħammar lilha nnifisha b'għodod modernizzati u kompatibbli mad-WTO biex jiġu indirizzati Prattiki kummerċjali inġusti u distorsjonijiet fis-suq. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-adozzjoni rapida tal-proposti rilevanti f'dan ir-rigward. L-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod attiv ma' sħab kummerċjali internazzjonali. Dan jinkludi li tagħmel progress b'mod riżolut fin-negozjati kollha li għaddejjin għal ftehimiet ta' kummerċ ħieles ambizzjużi u bbilanċjati, inkluż mal-Mercosur u l-Messiku; in-negozjati mal-Ġappun huma l-eqreb għal konklużjoni kmieni. Ir-relazzjonijiet kummerċjali maċ-Ċina għandhom jissaħħu abbażi ta' fehim kondiviż ta' benefiċċji reċiproċi u komuni. L-UE ser tkun partikolarment viġilanti rigward ir-rispett u l-promozzjoni tal-istandards ewlenin, kif ukoll il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni.
5. Il-Kunsill Ewropew itenni l-hteġa li tiġi kkompletata l-Unjoni Bankarja f'termini ta' tnaqqis u kondiviżjoni tar-riskji fis-settur finanzjarju, fl-ordni opportun, kif stipulat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2016. Huwa jfakkar l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali fit-tfassil ta' standards prudenzjali u superviżorji komuni għas-servizzi finanzjarji.
6. Huwa ta' importanza kbira li l-benefiċċji tat-tkabbir ekonomiku jaslu għand iċ-ċittadini kollha. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess l-organizzazzjoni tas-Summit Soċjali għall-Impjiegi Ġusti u t-Tkabbir f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017.
7. Il-Kunsill Ewropew japprova l-oqsma ta' prijetà tal-politika tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, u jistieden lill-Istati Membri biex jirriflettuhom fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u fil-Programmi ta' Stabbiltà u ta' Konverġenza tagħhom li jmiss. Il-Kunsill Ewropew japprova wkoll l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

II. SIGURTÀ U DIFIŻA

8. Il-Kunsill Ewropew irid li d-dinamika mibdiya mill-konklużjonijiet tiegħu dwar is-Sigurtà Esterna u d-Difiża ta' Diċembru 2016 tinżamm u tiġi rinfurzata, f'konformità mal-parametri stabbiliti fihom. Fl-ambjent internazzjonali preżenti, l-Ewropa għandha tagħmel aktar biex tipproteġi liċ-ċittadini tagħha u biex tikkontribwixxi għall-paċi u żżomm l-istabbiltà fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu, inkluż billi jiġu ddedikati biżżejjed riżorsi addizzjonali, filwaqt li jittieħed kont taċ-ċirkostanzi nazzjonali u impenji legali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma li saret mill-Kunsill fis-6 ta' Marzu, li tipprovdi ħarsa ġenerali estensiva ta' fejn ninsabu fuq il-kwistjonijiet kollha (strutturi tal-PSDK għall-immaniġġar ta' kriżijiet, Kooperazzjoni Strutturata Permanenti, Rieżami Annwali Kkoordinat dwar id-Difiża, Żvilupp ta' Kapaċitajiet Ċivili) u turi progress reali f'xi oqsma ewlenin. Huwa jfakkar ukoll fil-ħtieġa li jiġi implimentat is-“Sett komuni ta' proposti” għal kooperazzjoni msaħħa man-NATO. Filwaqt li nibnu fuq dak il-momentum, il-ħidma għandha tiġi avvanzata b'aktar determinazzjoni u rapidità. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-organizzazzjoni ta' konferenza ta' livell għoli dwar is-sigurtà u d-difiża fi Praga fid-9 ta' Ġunju 2017. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'Ġunju 2017 u jipprovdi gwida strateġika ulterjuri.
9. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġa lill-Istati Membri biex jiżguraw is-sigurtà interna u jiġġieldu kontra t-terroriżmu. Għamilna progress kbir f'dan ir-rigward f'dawn l-aħħar snin iżda qed inkomplu niffaċċaw sfidi mingħajr preċedent. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-koleġislaturi biex jaqblu dwar il-proposta għal Sistema ta' Dħul u Ħruġ sa Ġunju 2017 u jaċċelleraw il-ħidma dwar il-proposta għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar. Għaldaqstant, huwa kruċjali li tkompli tiġi implimentata l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020, il-Kunsill Ewropew ser iżomm dan taħt eżami. Il-Jum Ewropew b'Tifkira tal-Vittmi tat-Terroriżmu fil-11 ta' Marzu huwa tfakkira importanti għaliex dan huwa daqshekk essenzjali.

III. MIGRAZZJONI

10. Kif jidher fir-rapport mill-Prim Ministru Malti, ħafna miżuri operazzjonali deċiżi fil-laqgħa informali f'Malta fit-3 ta' Frar 2017 huma fil-proċess li jiġu implimentati. Il-Kunsill Ewropew itenni d-determinazzjoni tiegħu li jikseb riżultati dwar l-elementi kollha tad-Dikjarazzjoni ta' Malta u jappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tal-Presidenza tal-Kunsill, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli. Huwa jappoġġa wkoll l-azzjonijiet li ttieħdu minn Stati Membri individwali biex jappoġġaw lill-awtoritajiet Libjani kif ukoll il-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u l-ġirien tan-nofsinhar fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw l-isfidi tal-migrazzjoni illegali. Il-UNHCR u l-IOM huma sħab importanti f'dan ir-rigward. L-UE ser tkompli tibqa' viġilanti fuq ir-rotot migratorji ewlenin kollha sabiex tkun tista' tirreaġixxi rapidament għall-iżviluppi. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni Mġedded dwar ir-Ritorn, mitluba fid-Dikjarazzjoni ta' Malta, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri li takkumpanjaha, u jistieden lill-Kunsill biex jeżaminahom malajr. Huwa jfakkar fil-ħtieġa li titkompla l-ħidma fuq sensiela ta' ftehimiet ta' riammissjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi li jaħdmu tajjeb.
11. Rigward id-dimensjoni interna, l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipji ta' responsabbiltà u solidarjetà tibqa' objettiv komuni. Il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar sforzi biex jinkisbu riżultati fl-aspetti kollha tal-politika komprensiva dwar il-migrazzjoni li tkun reżiljenti għal kriżijiet futuri, inkluż bl-għan li jintlaħaq kunsens dwar il-politika tal-UE dwar l-asil matul il-Presidenza attwali.
12. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'Ġunju 2017.

IV. BALKANI TAL-PUNENT

13. Fid-dawl tal-isfidi interni u esterni li qed jiffaċċa r-reġjun, il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni fraġli fil-Balkani tal-Punent, li huwa ser iżomm taħt eżami. Huwa jisħaq fuq l-importanza li nkomplu għaddejjin fit-triq ta' riforma, ir-relazzjonijiet tajba mal-viċinat u inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali inklużivi. Huwa rriafferma l-appoġġ inekwivoku tiegħu għall-prospettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent. Filwaqt li jilqa' l-progress li sar mill-pajjiżi tar-reġjun, il-Kunsill Ewropew jenfasizza li l-UE tibqa' impenjata u involuta fil-livelli kollha biex tappoġġahom fit-twettiq ta' riformi u proġetti orjentati lejn l-UE.

V. PUNTI OĦRA

Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

14. Wara li l-abbozz ta' Regolament dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tressaq minn 17-il Stat Membru skont l-Artikolu 86(1), it-tieni subparagrafu, TFUE, il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-abbozz u nnota li l-kondizzjoni stipulata fil-bidu tal-Artikolu 86(1), it-tielet subparagrafu ġiet sodisfatta, u b'hekk infetħet it-triq għall-istabbiliment possibbli ta' kooperazzjoni msaħħa, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati.

Elezzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew

15. Il-Kunsill Ewropew reġa' eleġġa lis-Sur Donald TUSK bħala President tal-Kunsill Ewropew għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2017 sat-30 ta' Novembru 2019.
16. Il-Kunsill Ewropew innota d-deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja li l-munita tagħhom hija l-euro li jergħu jaħtru lis-Sur Donald TUSK bħala President tas-Summit tal-Euro għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2017 sat-30 ta' Novembru 2019.
17. Il-Kunsill Ewropew iddeċieda li, aktar tard din is-sena, jerġa' lura għall-proċess, il-kriterji u l-bilanċi meħtieġa rigward il-ħatriet ta' livell għoli għaċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss.